# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016

Appell Nru: 427/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**John Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Borg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 123061M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-4 ta' Ottubru 2014 ghall-habta ta' l-17:00pm, gewwa Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' l-artikolu numru 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Wps Oriana Spiteri u Pc Mario Ciantar f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, ta' l-istess Pc1078, liema hsara hija ta' natura hafifa, u dan bi ksur ta' l-artikoli 221(1) u 222(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Hebb kontra Wps 50 Oriana Spiteri u Pc 1078 Mario Ciantar, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur ta' artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur ta' artikolu 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar il-31 ta' Ottubru 2012, mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona, liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel u dan bi ksur ta' artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-hati bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Ottubru, 2014, li biha, wara ammissjoni tal-appellat, sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qieghditu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment kif ukoll ikkundannatu jhallas multa ta' €4,000 pagabbli fi zmien tlett snin f'pagamenti mensili li jibdew jithallsu mill-ahhar ta' Novembru 2014 konvertibbli fi prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. L-ewwel Qorti ghazlet illi ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fil-31 ta' Ottubru 2012.;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Ottubru, 2014, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi <u>tikkonferma</u> dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u fejn kien ikkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Euro 4000, filwaqt illi <u>tirrevoka</u>: **i)** fl-ewwel lok, dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma titrattax mal-appellat dwar l-ordni ta' probation datata l-wiehed u tletin t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax u **minflokk tghaddi sabiex titratta mal-appellat rigward l-istess ordni billi tghaddi sabiex tinfliggi piena skond il-ligi relevanti kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz**; u **ii)** fit-tieni lok, tirrevoka ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet ordni ohra ta' Probation fuq l-appellat ghar-reati li taghhom huwa nstab hati **u minflokk tghaddi sabiex tinfliggi piena skond il-ligi relevanti kif ukoll aktar gusta u adegwata ghac-cirkostanzi tal-<u>kaz</u> u tal-<u>appellat</u> odjern.**

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat;

Semghet il-provi;

Semghet lid-difensur tal-appellat u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi fis-7 t'Ottubru 2014, l-appellat, allura imputat, kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bl-ewwel seba imputazzjonijiet kif riportati fl-ewwel parti ta' din is-sentenza. Waqt it-tieni seduta, l-prosekuzzjoni pprezentat ic-citazzjoni mill-gdid b'zieda ta' imputazzjoni ohra u l-addebitu tar-recidiva. F'dik is-seduta l-appellat kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u inghatat s-sentenza mertu tal-appell odjern;

2. L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza limitatament ghall-piena, l-ordni ta' Probation kominata mill-ewwel Qorti u n-nuqqas taghha li titratta mal-appellat dwar il-ksur ta' probation. Fl-aggravju tieghu, l-Avukat Generali jikkwerela id-decizzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad meta ghazlet illi ma titrattax mal-appellat ghal ksur tal-probation imposta per via ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Ottubru 2012 igifieri tat-tmien imputazzjoni. L-aggravju huwa estiz ukoll ghall-fatt illi l-ewwel Qorti qieghedet lill-appellat taht ordni ta' probation gdid mhux biss ghall-ewwel seba reati izda ukoll ghat-tmien wiehed meta qatt ma setghet taghmel dan. L-prosekuzzjoni ma esebietx is-sentenza dwar it-tmien imputazzjoni u dan huwa komprensibbli f'cirkostanzi meta tkun registrata ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-prosekuzzjoni ma jkollhiex ghad disposizzjoni taghha tali sentenza. Pero' l-appellat ammetta ghal-dan u fil-fedina penali esebita u allura disponibbli ghall-ewwel Qorti, jemergi illi fil-31 ta' Ottubru, 2012, l-appellat kien misjub hati ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll li kien kiser ordni ta' probation skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 impost b'sentenza tad-9 t'Awwissu 2011 u kien inghata ukoll l-addebitu tar-recidiva. Ghal dawk l-

imputazzjonijiet flimkien, l-appellat kien rega, ghal xi raguni, tqieghed taht ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett (3) snin u ordnat ihallas is-somma ta' €400 lid-danneggjat fit-termini tal-artikolu 24 tal-istess Kap;

3. Issa it-tmien imputazzjoni titratta proprju il-kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv tal-ordni ta' probation appena msemmija. Id-decizzjoni tal-ewwel Qorti li terga tqieghed lill-appellat fuq ordni ta' probation ohra fil-konfront tal-imputazzjonijiet kollha, komprizi allura it-tmien wahda, u d-decizzjoni taghha li ma titrattax mieghu ghal ksur ta' dak il-probation, tirraviza zewg problemi li dwarhom l-appellant Avukat Generali ghandu ragun;

4. L-artikolu 23 (1) u (3) tal-Kapitolu 446 jipprovdi espressament ghal kull wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet meta jghid:

*23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation , l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata,* ***<u>tista'</u>*** *tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"* u

*(2) Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi trattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht* probation *b'ordni ta' servizz fil-komunita', jew b'ordni ta'* probation *u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata,* **<u>il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati</u>**

**<u>taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)</u>** (enfasi ta' din il-Qorti).

5. Issa, kif tajjeb jargumenta ukoll l-Avukat Generali dwar l-artikolu 23(1)(a), l-ewwel Qorti ma kellhiex ix-xelta titrattax jew le mal-hati ghal-ksur tal-ordni ta' probation ghaliex il-kelma "tista" f'dak il-kaz mhix wahda fakoltattiva izda tfisser biss li l-Qorti ghandha **<u>s-setgha</u>** li titratta mieghu. Dan l-argument illum il-gurnata huwa ezawrit u ma hemm l-ebda lok ghal kunsiderazzjonijiet diversi minn dawk maghmulha mill-Qrati fosthom dik **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi** App Krim 549/2010;

6. Is-subartikolu (2) tal-Kap 446, kif riprodott *supra*, imbaghad jipprekludi sanzjoni komunitarja meta huwa jkun misjub hati proprju li kiser l-ordni precedenti ossia jkun imputat bil-fatt li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation, f'dan il-kaz. Ghalhekk , u sabiex ikunu rikapitolati dawn il-konsidrazzjonijiet, l-ewwel Qorti ma setghetx ma titrattax mal-appellat ghal-ksur tal-ordni ta' probation, ma setghetx ukoll terga' tqieghed lill-appellat taht ordni ta' probation meta sabitu hati ta' ksur tal-istess ordni kif effettivament ghamlet meta applikat l-artikolu 7 tal-Kap 446 dwar l-imputazzjonijiet kollha. Hi setghet taghmel hekk biss dwar l-ewwel seba imputazzjonijiet izda zgur mhux dwar it-tmien wahda. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun milqugh;

7. Fit-tieni aggravju tieghu l-Avukat Generali jargumenta illi l-"piena" erogata mill-Qorti tal-ewwel grad mhix wahda idonea. Fil-fatt l-ewwel Qorti ma kkundannat lill-appellat ghall-ebda piena izda qegheditu taht ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446. Dwar dan irid jinghad illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, ma huwiex normali li din il-Qorti fil-funzjoni taghha ta' Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm

xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Dan japplika ukoll meta l-appell ikun interpost mill-Avukat Generali;

8. Issa, fil-gravami tieghu l-Avukat Generali jargumenta illi l-appellat illum ghandu 53 sena , [55 sena sakemm kien trattat u deciz dan l-appell] u li ghalhekk il-prospettiva li jibdel hajtu hija wahda remota hafna. Dan jixhdu l-fedina penali raffretarja tieghu minn fejn jemergi illi inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex jirriforma ruhu. L-proceduri odjerni li dwarhom instab hati l-appellat huma dwar reati kontra ufficcjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ghalhekk huwa persuna ta' periklu ghas-socjeta', dejjem skond l-Avukat Generali. Din il-Qorti pero' hi tal-fehma illi meta si tratta ta' piena jew mizura wara sejbien ta' htija, bosta drabi hija l-ewwel Qorti l-aktar pjazzata sabiex tikkonsidra l-ahjar mod kif titratta mal-hati. Dan ghaliex tkun hi li ghexet l-*iter processwali* u b'hekk hija aktar addatta sabiex tikkonsidra l-ahjar forma ta' piena jew trattament. Fil-kaz odjern, il-process *de quo* kien biss ta' seduta wahda izda l-ewwel Qorti ghazlet li titratta mal-hati wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur u tal-prosekuzzjoni li certament kienet okkazzjoni sabiex il-partijiet jitrattaw dwar il-gravita' tar-rezistenza tal-arrest u n-natura tal-offizi subiti mill-ufficcjali tal-Pulizija, il-fatti illi l-kwisjtoni kollha nbdiet mill-fatt illi l-appellat kien rappurtat li nizzel xi tyre ta' vettura u kien arrestat fuq hekk filwaqt illi kien fi stat ta' sokor u l-ammissjoni bikrija tieghu. Huwa minnu ukoll illi il-Qrati taghna, fejn si tratta ta' ksur tal-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali gieli kkomettew lil hati ghal-terminu effettiv ta' prigunerija kif tajjeb rrileva l-Avukat Generali, izda huwa minnu ukoll illi gieli rrikorrew ghal-provvediment ta' servizz komunitarju taht il-Kap 446. Kull kaz ghalhekk jehtieg li jkun deciz fuq il-mertu tieghu;

9. Din il-Qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll il-pre-sentencing report tal-Ufficjal tal-Probation u x-xhieda tieghu minn fejn jemergi illi llum il-gurnata l-appellat jidher li hareg mill-vizzji ta' xorb u droga liema vizzju ta' droga hakkmu meta kien qed jiskonta piena twila ta' habs kif jirrizulta

mill-fedina penali tieghu. Ghalhekk ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena. Dan izda huwa limitat ghall-ewwel seba imputazzjonijiet;

10. Dwar it-tmien imputazzjoni, stante dak appena konsiderat, igifieri l-progress li ghamel l-appellat fir-riforma ta' hajtu fejn jemergi illi huwa dejjem qaghad ghall-gwida tal-ufficcjal tal-probation u li minn meta tressaq fuq dan il-kaz lura fis-sena 2014 qatt ma kien misjub hati ta' reat iehor, din il-Qorti hija disposta taghti lill-appellat l-opportunita' li jibqa' miexi f'din id-direzzjoni;

11. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi :

i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-imputazzjonijiet kollha kontra l-appellat, thassarha f'dik il-parti fejn qieghdet lill-appellat taht ordni ta' probation fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 dwar l-imputazzjonijiet kollha u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' €4000 b'mod rateali u minflok, kwantu ghall-ewwel seba imputazzjonijiet, tqieghed lill-appellat taht ordni ta' probation ghal-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 u tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €4000;

ii) Kwantu ghat-tmien imputazzjoni, titratta mal-appellat dwar is-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2012 billi wara li rat l-artikoli 261(c)(g), 267 u 271 tal-Kapitolu 9, u wara li ghar-ragunijiet moghtija *supra* jezistu cirkostanzi sufficjenti fit-termini tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tghazel illi timponi piena taht il-minimu stabilit mil-ligi u konsegwentement tikkundanna lill-appellat ghal-piena tal-multa fl-ammont ta' €1000;

iii) Finalment, kwantu ghal-piena pekunjarja hawn imposta fl-ammont totali ta' €5000, qeghda tikkoncedi lill-appellat il-hlas rateali taghha fuq medda ta' tlett snin f'pagamenti ta' €138 kull ahhar tax-xahar bl-ahhar pagament ikun ta' €170.